KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 19/8/194/20

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 19

*L-Erbgħa 9 ta' Diċembru 2020*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l- Erbgħa 9 ta' Diċembru 2020. Il-laqgħa kienet skedata għal-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima - *Sindku* |
| | Darren Lynch - *Viċi Sindku* |
| | Steven Axisa - *Kunsillier* |
| | Rita Delezio - *Kunsilliera* |
| | Yvonne Arqueros – *Kunsilliera* |
| | Neville Camilleri – *Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Ivan Bartolo – *Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **Qari tal-ittri ta' apoloġija**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Kunsillier Bartolo talab li jkun skużat minħabba xogħol. Il-membri aċċettaw l-apoloġija bħala waħda ġustifikata.

2. **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti nr. 18 ġew approvati *nem com.*

3. **Korrispondenza**

3.1. Korrispondenza mingħand l-*Animal Welfare* dwar skema nazzjonali tan-neutering fejn dawk reġistrati mal-Kunsill bħala feeders issa ser ikunu jistgħu jiġbru vouchers tan-neutering mill-Kunsill għal din l-iskema li ser tkun finanzjata mill-*Animal Welfare*.

4. **Estimi Finanzjarji 2021**

4.1. Il-membri iddiskutew l-estimi finanzjarji għas-sena 2021 kif ppreparati anke wara li sargħet il-laqgħa pubblika dwar l-istess suġġett. Wara din id-diskussjoni l-membri approvaw l-estimi finanzjarji kif ppreżentati u ppreparati mill-Amministrazzjoni tal-Kunsill u l-accountants tal-istess Kunsill.

4.2. B'rabta mal-estimi għas-sena d-dieħla is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta lill-membri l-ewwel stima tal-proġett ta' Telgħat Raħal Ġdid li tammonta għall-€420,000.

4.3. Is-Sindku qal ukoll li dwar Ġnien il-Mediterran il-Kunsill kompla bil-preparamenti għall-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar ħalli b'dak l-istess permess jiġu avviċinati l-awtoritajiet konċernati sabiex jidħlu għal-dan il-proġett. Is-Sindku qal li dan qed isir hekk kif il-Kunsill huwa kommess li l-fondi tiegħu jintefqu fil-proġetti li ġew mwiegħda fil-manifest tal-Kunsill

Il-Kunsillier Axisa telaq mil-laqgħa.

## 5. Monument Ġnien Dom Mintoff

5.1. Is-Sindku informa lill-membri bil-persuni li kien qed jipproponi li jkunu parti mill-bord tal-aġġudikazzjoni tad-design contest organizzat mill-Kunsill Lokali għall-monument ta' Dom Mintoff għall-Ġnien Dom Mintoff. Is-Sindku qal li dan il-bord ser ikun magħmul minn persuni li huma intiżi fl-istorja ta' pajjiżna, artisti, perit kif ukoll persuna li għex ħafna viċin tal-Perit Mintoff. Il-membri approvaw il-bord kif ppreżentat mis-Sindku. *(l-ismijiet mhux qed jitniżżlu fil-minuti minħabba l-protezzjoni tad-Data.)* Is-Sindku fakkar li dan il-proġett ser ikun iffinanzjat fil-maġġor parti tiegħu minn fondi li ingħataw lill-Kunsill minn skema tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

5.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li wara l-aġġudikazzjoni tal-bord, ir-rapport tal-istess bord umbagħad jitla għand il-Kunsill għall-approvazzjoni. Wara l-approvazzjoni ir-rebbieħ ikun jista' jingħata l-kuntratt għax-xogħol.

## 6. *Staff-Performance Bonus*

6.1. Is-Sindku qal li din is-sena kienet waħda tassew ta' sfida fl-isfond tal-pandemija u għalhekk kien qed jipproponi illi l-ħaddiema tal-Kunsill jingħataw l-massimu tal-performance bonus. Il-membri approvaw.

6.2. Is-Sindku qal ukoll li huwa kien qed jipproponi wkoll li l-impjegat tal-RSSL responsabbli mill-ħaddiema jerġa jieħu bonus tal-ħidma li huwa jwettaq fil-Kunsill u li jammonta għal €1,500 kif ukoll li jingħata bonus ta' €350 lill-impjegat l-ieħor tal-istess skema. Is-Sindku ippropona wkoll li l-*allowance* ta' ħidma addizzjonali tal-impjegat tal-RSSL huwa wieħed raġonevoli u għaldaqstant jemmen li għandu jibqa' kif inhu kull sena. Il-membri approvaw.

## 7. Komunikazzjoni mis-Sindku

7.1. Is-Sindku informa lill-membri illi x-xogħol fuq il-proġetti baqa' għaddej u għaddej xogħol ukoll fuq il-pjazza. Qed isir studju wkoll fuq il-funtani sabiex ikun ikkonfermat minn fejn qed joħroġ l-ilma. Kompla billi qal li qed jagħmel bosta laqgħat fuq il-finanzjament tal-istess xogħol li irid isir fil-pjazza.

7.2. Is-Sindku informa lill-membri li huwa kellu żewġ laqgħat dwar l-intejjen tal-inċineratur kemm mal-Kap Eżekuttiv tal-Wasteserv kif ukoll mal-Ministru nnifsu Aaron Farrugia. Huwa qal li baqa' jinsisti li l-intejjen iridu jieqfu u qal li grazzi għall-insistenza tagħna, għalkemm l-inċineratur ħa jimxi fis-snin li ġejjin, sargħet nefqa ta' €3 miljun xorta waħda sabiex din il-problema tal-intejjen tispiċċa. Is-Sindku irringrazzja lil-Ministru li sema t-talba tagħna.

## 8. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

8.1. Il-Kunsilliera Rita Delezio xtaqet tirringrazzja lill-Każini kollha li għamlu l-armar tad-dawl tal-Milied li għaliha kien isbaħ mis-sena ta' qabel.

8.2. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet ukoll dwar id-dewmien sabiex it-*traffic lights* jaqilbu fil-pjazza u dwar l-inkonvenjent fit-triq l-arkata bit-traffiku li qed jgħaddi. Is-Sindku irrisponda li għal dan ix-xahar ilhu ta' kuljum jitkellem mal-Infrastruttura Malta, Transport Malta u mal-Ministru Ian Borg u mid-dehra huma ftit is-soluzzjonijiet li hemm sakemm terġa tinfetaħ Vjal Sir Paul Boffa. Dwar il-*lights* is-Segretarju Eżekuttiv ukoll qal li sargħet anke pressjoni mill-amministrazzjoni tal-Kunsill imma Transport Malta qed tirċievi biss direzzjoni ta' Infrastruttura Malta.

8.3. Il-Kunsillier Camilleri xtaq jiċċara fuq Ġnien il-Mediterran li l-ħaxix mhux qed jinqata hekk kif ma jistax isir ħart fid-dawl li l-ħamrija hija kollha tajn u ħmieġ tal-klieb. Sostna li din mhux telqa kif qed jassumu xi wħud.

8.4. Il-Viċi Sindku qal li qed ikun tgergir għall-kamera li tagħti għal Vjal Kristu Re li ma tagħtix ħin biżżejjed biex wieħed iħott. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li saru bosta diskussjonijiet mal-LESA dwar dan u mhux suppost qed jingħataw ċitazzjonijiet lil min ikun qed iħott. Jekk isir dan wieħed jista' jikkontesta c-ċitazzjoni.

## 9. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

9.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 19 għas-somma ta' €44,741.00.

**10. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

10.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fit-6:30pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 20 ta' Jannar 2021.

10.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 20 ta' Jannar 2021.

**IFFIRMATA**

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

**IFFIRMATA**

Dominic Grima
Sindku